

32005D0003

4.1.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 1/15

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Jannar 2005

li taċċetta impenn offrut in konnessjoni ma' l-investigazzjoni kontra t-tqarriq bil-liġi dwar miżuri ta' kontra d-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 769/2002 dwar l-importazzjoni ta' coumarin li ġejja mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina mill-importazzjoni ta' coumarin ikkonsenjat mill-Indja jew mit-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati jew le bħala li ġejjin mill-Indja jew mit-Tajlandja.

(2005/3/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjoni *dumped* minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

- (1) Wara reviżjoni minħabba skadenza, bir-Regolament (KE) Nru 769/2002 ⁽²⁾ ("ir-Regolament oriġinali"), il-Kunsill impona dazju definittiv kontra d-dumping ta' 3479 EUR għal kull tunnellata fuq importazzjoni ta' coumarin, li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2932 21 00 li ġej mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("PRC").
- (2) Fl-24 ta' Frar 2004, il-Kummissjoni rċeviet talba skond l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku biex tinvestiga l-allegat tqarriq bil-liġi tal-miżuri kontra d-dumping imposta fuq l-importazzjoni ta' coumarin li ġejja mill-PRC ("it-talba"). It-talba ġiet ippreżentata mill-Kunsill Ewropew ta' l-Industrija Kimika (CEFIC) (l-applikant) f'isem l-uniku produttur fil-Komunità. It-talba kien fiha biżżejjed evidenza *prima facie* li tiġġustifika l-ftuħ ta' investigazzjoni.

- (3) Il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni bir-Regolament (KE) Nru 661/2004 ⁽³⁾ ("ir-Regolament tal-ftuħ") fallegat tqarriq bil-liġi tal-miżuri kontra d-dumping imposta fuq l-importazzjoni ta' coumarin li ġejja mill-PRC minn importazzjonijiet ta' coumarin ikkonsinnata mill-Indja jew mit-Tajlandja, kemm jekk iddikjarata jew le li toriġina mill-Indja jew mit-Tajlandja .
- (4) Bħala riżultat ta' l-investigazzjoni, l-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 2272/2004 ⁽⁴⁾, estenda d-dazju kontra d-dumping impost fuq importazzjoni ta' coumarin li ġejja mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjoni ta' coumarin ikkonsinnata mill-Indja jew mit-Tajlandja, kemm jekk iddikjarata jew le li ġejja mill-Indja jew mit-Tajlandja.

B. IMPENN

- (5) Atlas Fine Chemicals Pvt. Ltd., produttur għal esportazzjoni li kkoopera, offra li jimpennja ruħu skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku. F'dan l-impenn, il-produttur għall-esportazzjoni offra li jbiegħ lill-Komunità, coumarin li effettivament jipproduċi hu stess ġewwa l-Indja sa limitu kwantitattiv li jikkorrispondi mal — kwantità ta' coumarin effettivament prodotta fl-Indja u mibjugħa lill-Komunità matul il-perijodu bejn l-1 ta' April 2003 u l-31 ta' Marzu 2004.
- (6) Il-kumpanija sejra wkoll tippovdi lill-Kummissjoni b'informazzjoni regolari u ddettaljata dwar l-esportazzjoni tagħha lejn il-Komunità, li jfisser li l-impenn jista' jiġi ssorveljat effettivament mill-Kummissjoni. Minbarra dan, l-istruttura tal-bejgħ ta' din il-kumpanija hija tali li l-Kummissjoni tikkunsidra li r-riskju li ma twettaqx l-impenn miftiehem huwa limitat.
- (7) L-impenn offrut jiżgura li coumarin prodott b'mod ġenwin ġewwa l-Indja biss jiġi esportat lejn il-Komunità. Minħabba f'dan t'hawn fuq, l-impenn huwa kkunsidrat li jevita tqarriq bil-liġi u, għalhekk huwa aċċettabbli.

⁽¹⁾ ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, tat-13.3.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 123, tad-9.5.2002, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1854/2003 (ĠU L 272, tat-23.10.2003 p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 104, tas-8.4.2004, p. 99.

⁽⁴⁾ ĠU L 396, tas-31.12.2004, p. 18.

- (8) Sabiex il-Kummissjoni tista' tissorvelja effettivament il-konformità tal-kumpanija ma' l-impenji, meta t-talba għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skond l-impenn hija mressqa quddiem l-awtorità tad-dwana rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju ser tkun bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura li jkun fiha għall-inqas dawk il-punti ta' informazzjoni mmniżżlaenkati fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2272/2004. Dan il-livell ta' informazzjoni huwa wkoll meħtieġ sabiex l-awtoritajiet tad-dwana jkunu jistgħu jaċċertaw bi preċiżjoni suffiċjenti li l-konsenja taqbel mad-dokumenti kummerċjali. Meta l-ebda fattura bħal din ma tiġi ppreżentata, jew meta ma taqbilx mal-prodott ippreżentat lid-dwana, ser ikollha titħallas minflok ir-rata xierqa ta' dazju kontra *dumping*.
- (9) Fil-każ ta' ksur jew revoka ta' l-impenn, dazju kontra *dumping* jista' jkun impostskond l-Artikolu 8(9) u (10) tar-Regolament bażiku,

miżuri ta' kontra *dumping* fuq importazzjoni ta' *coumarin* li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina minn importazzjoni ta' *coumarin* ikkunsinnata mill-Indja jew mit-Tajlandja hija hawnhekk aċċettata.

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi Taric Addizzjonali
L-Indja	Atlas Fine Chemicals Pvt Ltd., Debhanu Mansion, Nasik-Pune Highway, Nasik Road, MS 422 101, l-Indja	A579

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandhatidhol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, fit-3 ta' Jannar 2005.

Għall-Kummissjoni

Peter MANDELSON

Membre tal-Kummissjoni

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-impenn offrut mill-produttur imsemmi hawn taħt, in-konnessjoni ma' l-investigazzjoni fl-allegat tqarriq bil-liġi tal-